# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 10 – IL-ĦAMIS 26 TA' SETTEMBRU 2013

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier (Wasal fit-8:05pm) |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier (Skużat) |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Ma kienx hemm persuni mill-pubbliku jattendu.

Is-SE infurmat li l-Kunsilliera Mifsud se jasal tard minħabba impenn f'lokalità oħra bħala President tar-Reġjun filwaqt li l-Kunsillier Bugeja kien marid.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 8 U 9**

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija. Ma kien hemm ebda emenda xi ssir għaż-żewġ settijiet ta' minuti u għaldaqstant ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Il-Viċi Sindku staqsa x'sar mill-*bollards* u l-*hot asphalt* tal-parkeġġ il-ġdid, b'riferenza għal para. 2.12 tal-minuti nru. 8. Is-SE infurmat li l-*bollards* kienu ngħataw lill-Kunsill għalkemm ma twaħħlux minħabba li kellha diffikultà fejn se jeħlu għaliex il-bankina fuq naħa minnhom hija wiesgħa biss 1.2m filwaqt li n-naħa l-oħra tħalliet baxxa apposta minħabba l-aċċess tal-*wheelchairs* u għaldaqstant setgħet tkun perikoluża. Fir-rigward tal-hot asphalt il-kuntrattur kien wegħdha li se jagħmel ix-xogħol fil-ġranet li ġejjin.

2.2 Fir-rigward ta' para. 3.11, is-SE wieġbet lill-Viċi Sindku li ma kienx għad kellha ċans taħdem fuq l-offerti ġubbliċi għall-materjal, xogħlijiet u traqqigħ maġġuri.

2.3 Il-Viċi Sindku informa li l-lista tax-xogħlijiet tal-ħaddiema mhux qed tintbagħat kull ġimgħa. Is-SE infurmat li se tivverifika għaliex u tesieġi li tintbagħat darba fil-ġimgħa kif deċiż mill-Kunsill.

2.4 Fir-rigward ta' para. 7.4, għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech, is-SE infurmat li l-Perit ma kienx għadu reġa' ġie jagħmel spezzjoni u ssuġġeriet li kemm-il darba tagħmel ix-xita fil-qarib, u wieħed jinnota li qed iżomm l-ilma, b'mod speċjali f'ħinijiet li hi ma tkunx xogħol, għandu jieħu ritratt u jgħaddihulha sabiex tiġbed l-attenzjoni tal-Perit. Hija ssuġġeriet ukoll li l-ewwel darba li tkun ix-xita, għandha ssir spezzjoni apposta biex jiġu verifikati problemi simili.

2.5 Rigward para. 2.3, is-SE infurmat li għalkemm bagħtet diversi *emails*, hija kienet irċeviet biss *acknowledgement* darba bil-wegħda li se jsir l-appuntament. Sal-ġurnata iżda d-data u l-ħin għall-appuntament maċ-*Chairperson* għadu ma ġiex ikkomunikat.

2.6 Is-SE infurmat li s-SE tar-Reġjun kien informa lill-Kunsill li kellu sagħtejn servizz ta' Eco-Warden għal matul dak ix-xahar kif ukoll kien għadda r-rati sabiex ikun hemm servizz extra. Kien hemm qbil li dawn is-sagħtejn għandhom jiġu wzati ħdejn l-Iskola Sekondarja minħabba l-abbużi li qed ikun hemm. Is-SE infurmat li kienet talbet lill-GreenMT sabiex jara l-possibbiltà li l-boroż il-griżi tal-iskart riċiklabbli jibda jinġabar darbtejn fil-ġimgħa minflok darba minħabba li qed ikun hemm xi boroż mitluqa u jdumu ma jinġabru sal-kollezzjoni li jmiss. Hawnhekk is-Sindku propona li tintbagħat ittra lir-residenti fejn dawn għandhom jiġu mfakkra fis-servizz bla ħlas tal-Bulky Refuse filwaqt li jiġu mgħarrfa x'jistgħu jitfgħu fil-borża s-sewda u fl-iskips. Hawnhekk tqajjmet diskussjoni dwar il-kuntratt il-ġdid tas-servizz tal-ġbir tal-iskart fejn il-kuntratt kien juri biċ-ċar li l-kuntrattur għandu jiġbor kull akkumulu mal-iskips il-ħodor sa 3 metri bogħod.

2.7 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kienu t-8:05pm.

2.8 Kien hemm qbil li għandha tinħareġ twissija lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart minħabba li mhux jimxi mal-kuntratt filwaqt li għandu jingħata twissija oħra sabiex il-molol tal-iskips ikunu tranġati kollha fi żmien tlett ijiem. Is-SE tfakkret ukoll li l-kuntrattur kellu jgħaddilha kopja tal-i*specifications* tal-iskips.

2.9 Is-SE infurmat li kienet saret laqgħa mal-espert tas-siġar kif ukoll mal-periti dwar il-proġett tal-bosk. Hija infurmat ukoll li l-Manager tal-MAGF kienet qaltilha li hi u s-Sindku dalwaqt kienu se jintalbu jmorru jiffirmaw il-kuntratt. Hekk kif dan isir, il-Kunsill ikun jista' jibda l-proċedura ta' ħruġ ta' offerti, issir konferenza stampa kif ukoll konsultazzjoni pubblika dwar il-proġett.

2.10 Is-SE infurmat li kienet irċeviet konferma mid-Dipartiment li kienu qed jiġu approvati €2300 għax-xogħlijiet meħtieġa biex il-laqgħat tal-Kunsill jibdew jiġu *streamed online*. Hi infurmat li kienet poġġiet avviż fuq il-gazzetti u li kien jagħlaq l-għada. Kien hemm qbil li għandhom jattendu s-Sindku u l-Viċi Sindku.

## 3. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku informa li hu flimkien mas-SE u l-Perit tal-Kunsill kienu attendew għal laqgħa mal-Onorevoli Ian Borg fejn dan kien infurmahom li l-Gvern preżenti kien se jibqa' għaddej fuq il-passi tal-Gvern preċedenti fir-rigward ta' fondi. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill jibda jaħseb fuq proposti għas-sit magħruf bħala tal-Karnival, għat-torri tal-arloġġ u r-riġenerazzjoni tal-pjazza prinċipali. Is-Sindku informa li skont l-Onor. Borg, kull applikazzjoni għal devoluzzjoni jrid ikollha magħha wkoll il-permess tal-MEPA għax-xogħlijiet proposti u għaldaqstant kien importanti li l-Kunsill jibda jaħdem fuq xi wieħed minn dawn il-proġetti.

3.2 Is-Sindku staqsa jekk l-isqaq li jgħaddi bejn Triq Dar il-Kaptan u Triq il-Konti Manduca huwiex privat jew hux suppost li jitnaddaf mill-Kunsill. Minħabba li ħadd ma kien jaf jikkonferma kien hemm qbil li l-Viċi Sindku għandu jivverifika jekk l-isqaq hux pubbliku jew privat.

3.3 Is-Sindku informa li kien innota li fil-parkeġġ il-ġdid kien hemm bżonn li jsir taraġ għaliex ir-residenti kienu poġġew numru ta' ġebel li setgħu jkunu perikolużi. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-Perit dwaru. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill japplika għal *double yellow line* faċċata tad-*drive in* li tagħti għal ġol parkeġġ u jikkonferma jekk hux possibbli li jimmarka sinjal doppju ieħor inkella parkeġġ fil-parti li ma ġietx immarkata.

3.4 Is-Sindku informa li hemm sinjal isfar twil fil-parkeġġ ta' wara Binja Tifkiriet Puniċi li seta' jiġi mmarkat bħala parkeġġ. Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-SE għandha tivverifika ma' TM dwar jekk dan jistax jitneħħa u jinbidel f'parkeġġ.

3.5 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandha ssir ħarġa żgħira għall-anzjani fix-xahar ta' Novembru.

3.6 Is-Sindku informa li TCTC kienu qed joffru korsijiet tal-kompjuter għall-beginners kif ukoll ECDL Start for Youths u E-Lifestyles għall-prezz ta' €1150. Lill-Kunsill kien qed joffrilu wkoll kors ta' Learnit, ECDL Start u Ikids Summer Courses inkluż fil-prezz kemm-il darba jieħu ħsieb l-istampar u t-tqassim tal-*flyers*. Il-Kunsill aċċetta.

3.7 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillier Fenech li meta l-Kunsilliera u s-SE jkunu għaddejja b'kommunikazzjoni bejniethom permezz tal-*email*, huwa etikament inkorrett li jiddaħħlu terzi persuni b'mod li ma jidhrux (BCC) fuq il-konverzazzjoni.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE ħlief għal żewġ pagamenti, dak tal-Perit Simon Peter Darmanin u tal-kuntrattur Daniel Attard li jirrigwardjaw xogħlijiet bejn l-eks *barracks*. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-Perit qabel ma japprova dawn iż-żewġ pagamenti.

4.2 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Awwissu. Kopja tiegħu hija annessa.

## 5. MILITARY MTARFA

5.1 Is-SE infurmat li kienet għaddejja bil-preparamenti għall-attività tal-Kunsill. Hawnhekk infurmat li l-Malta Command kienu talbu li l-Kunsill iħallas għas-servizz ta' security guard minħabba li kienu se jarmaw minn ġurnata qabel. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

5.2 Għall-mistoqsija tas-SE jekk is-soltu jkunx hemm xi remunerazzjoni għal vetturi extra li jinġabu mid-dilettanti, ir-risposta kienet li dawn kienu jattendu senza interessi. Għaldaqstant kien hemm qbil li din is-sena dawn m'għandhomx jitħallsu lanqas.

5.3 Minħabba li s-SE infurmat li ma kinitx irċeviet risposta dwar kumpanija tax-xorb lokali biex tkun main *sponsor* għall-attività, kien hemm qbil li għandha tinħareġ sejħa pubblika għal bar għal waqt l-attività. Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud semma' li hu m'għandux oġġezzjoni li l-bar jingħata lil xi entità lokali. Min-naħa l-oħra iżda kien

hemm qbil li minħabba li din is-sena l-Kunsill ma kienx sab *sponsors*, għandu joħroġ din is-sejħa sabiex itaffi ftit mill-ispejjeż.

6. **ATTIVITAJIET U DAWL TAL-MILIED**

6.1 Kien hemm qbil li s-SE għandha tikkonferma mal-Imtarfa FC jekk hux se jgħinu fl-organizzazzjoni tal-attività tal-Imtarfa Christmas Market bħalma jagħmlu s-soltu.

6.2 Kien hemm qbil li s-sottokumitat tal-attivitajiet għandu jiltaqa' u joħroġ b'suġġerimenti għal xi attivitajiet għall-Milied għall-kommunità. Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud wera x-xewqa li l-Kunsill jibqa' jorganizza l-ikla tal-kommunità.

6.3 Hawnhekk il-Kunsillier Fenech skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien l-10:15pm.

6.4 Hawnhekk qamet diskussjoni dwar it-tiżjin tal-Milied wara li s-Sindku u l-Viċi Sindku wrew il-ħsieb li jinbidel il-metodu kif isir it-tiżjin.

6.5 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud, kien hemm qbil li s-SE għandha toħroġ sejħa pubblika għat-tpoġġija tal-mejns bħas-soltu kif ukoll għal xi dekorazzjonijiet, liema sejħa m'għandhiex teċċedi s-somma ta' €3200.

7. **SOTTOMISSJONIJIET LILL-MEPA – *LOCAL PLAN***

7.1 Il-Kunsill approva numru ta' sottomissjonijiet li ġew ifformulati bejn il-Perit, is-Sindku u s-SE. Kopja tagħhom hija mehmuża.

8. **APPLIKAZZJONI GĦAL PROĠETT – MIŻURA 313**

8.1 Is-SE infurmat li l-applikazzjoni għall-proġett ta' Triq San Oswald kienet ġiet ifformulata u ġiet sottomessa għand l-MAGF. Għalkemm il-pjanta uffiċjali tal-proġett kienet intbagħtet lil kulħadd permezz tal-email, din ġiet approvata uffiċjalment mill-Kunsill u qed tiġi mehmuża. Il-BOQ għall-proposta ta' tisbiħ fi Triq San Oswald kien tela' għas-somma ta' €164,187.27.

9. **PUNTI OĦRA**

9.1 Is-SE infurmat li kien hemm ftehim ta' ħames snin mal-*Insurance* tal-Kunsill u li kienet għadha kif skadiet ir-raba' sena. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jkompli l-aħħar sena ta' *insurance coverage* magħhom.

9.2 Is-SE ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill dwar kommunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar l-elezzjoni biex jinħatar Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali li kienet se tinżamm is-Sibt, 12 ta' Ottubru.

9.3 Is-SE infurmat li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kienu qed jitolbu l-kummenti tal-Kunsill għall-istqarrija li ħarġu n-Northern Cleaning Co. dwar flus li għadhom ma daħħlux mill-kumpanija GreenMT. Il-Kunsill qabel li l-kumment tal-Kunsill għandu jkun kif ġej: *Il-Kunsill tal-Imtarfa jħoss li m'għandux jikkummenta minħabba li l-ftehim tiegħu huwa mal-GreenMT u mhux mal-NCC iżda jħeġġeġ liż-żewġ partijiet biex jaslu fi ftehim fl-aħjar interes tar-residenti.*

9.4 Is-SE infurmat li kienet irċeviet korrispondenza mingħand l-għassa tal-puliżija dwar rapport li sar numru ta' snin qabel mill-Kunsill dwar wires esposti madwar Binja Qlejgħa li tħallew mill-kuntratturi tal-Awtorità tad-Djar. Dawn kienu qed

isaqsu lill-Kunsill jekk dan ir-rapport kienx issolva min-naħa tal-Awtorità u jekk fil-każ li le, kien hemm talba lill-Kunsill sabiex iqabbad inġinier biex jivverifika dan. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jkun hu li jħallas għall-inġinier u s-SE intalbet tikteb lura sabiex il-pulizija jwasslu din it-talba lill-amministratur tal-kondominju minħabba li skont kif ikkonfermat mill-Awtorità stess permezz ta' ittra lill-istess pulizija, din kienet responsabbiltà tal-binja.

## 10. AĠĠORNAMENT

10.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:35pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar l-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2013 fis-7:30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Daniel John Attard**
**Sindku**